# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 445

KAZ NRU. 623

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Frances Muscat

u

T.G Services Limited kif rapprezentata mis-Sur George Fenech u Tumas Fenech u fl-4 ta' Novembru s-Sur Alfred Mifsud assuma l-atti minflok s-Sinjuri George u Tumas Fenech

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data: 22 ta' Lulju, 1992

Chairman: Dr. Richard Camilleri LL.D., LL.M. (Lond)

I PRELIMINARI

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal permezz ta' ittra tal-Ministru tal-Politika Socjali tat-12 ta' Awissu, 1991 ghat-tenur tal-artikolu 28 tal-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 266 tal-ligijiet ta' Malta)

L-appellanta kienet assistita mis-Sur John Mansueto waqt li l-kumpanija appellata kienet assistita mill-Avukat Dottor Joseph J. Vella.

Wara li kkunsidra l-istqarrijiet tal-kaz tal-partijiet, il-provi kollha prodotti, s-sottomissjonijiet tal-

.../2

partijiet u l-atti kollha tal-kaz it-Tribunal wasal ghad-decizjoni tieghu kif ser jinghad.

II PROVI

L-appellanta dahlet tahdem fil-lukanda New Dolmen Hotel, gestita mill-kumpanija appellata, bhala Demi Chef de Rang fil-21 ta' Gunju, 1987 u gradwalment giet promossa sa Head Waitress li kien il-post li kienet tokkupa sad-data tat-terminazzjoni tal-impjieg taghha u cioe' it-13 ta' Marzu, 1991.

Sa Ottubru 1990 l-appellanta ma kellhiex problemi fl-impjieg taghha u kienet qed tahdem b'mod normali tant li kienet qeghda tigi konsidrata favorevolment biex tiehu promotion (xhieda ta' Alfred Mifsud seduta 4/11/91).

L-ewwel incident gara fis-27 ta' Ottobru, 1990 meta allegatament l-appellanta telqet minn fuq ix-xoghol minghajr permess anzi kontra l-istruzzjonijiet specifici moghtija lilha (xhieda ta' Alfred Mifsud seduta 4/11/91) liema incident wassal ghat-twissija bil-miktub tad-29 ta' Ottubru 1990 (esebit bhala Dok Nru. 2 mal-istqarrija tal-kaz tal-appellanta). L-appellanta ma kkontestatx il-kontenut ta' din it-twissija pero fl-istqarrija tal-kaz taghha qalet li kellha raguni valida biex titlaq kmieni. L-appellanta sussegwentement giet promossa ghal Head Waitress (xhieda Alfred Mifsud seduta 4/11/91). Sussegwentement u precizament fit-12 ta' Frar 1991 l-appellanta giet imwissija verbalment in konnessjoni ma "complaints" li kienu baghtu zewg klijenti u cioe' Miss Riley u Miss Bonhomme. Din it-twissija giet konfermat bil-miktub (Dok Nru. 3 esebit mill-kumpanija appellata kif ukoll anness

mal-istqarrija tal-kaz tal-appellantanta).

Il-"complaint" ta' Miss Rachel Riley li kienet residenti fil-lukanda bejn l-10 u s-17 ta' Dicembru 1990 giet esebita mill-kumpanija appellata bhala Dok Nru. 4 u fost ilmenti ohra, Riley qalet "The vegetarian food offered to me was very poor, until a rather heated discussion had taken place between myself and the Head waitress. Mushroom omelette every night is just not satisfactory. Apologies were few and far between - the bottle of wine being offered under forced curcumstances rather than as an apology". L-appellanta tat spjegassjoni tal-incident bil-miktub fit-8 ta' Frar, 1991 liema spjegazzjoni giet konfermata mill-appellanta fix-xhieda taghha (seduta tal-4/2/92 u 7/4/92 ). L-appellanta spjegat li Miss Riley ki kienet vegetarjana u l-lukanda m'ghandhiex menu specjali vegetarjan. L-appellanta kienet tahdem "day off, day on" u allura fil-gurnata in kwistjoni ma kienitx taf x'kielet Miss Riley il-gurnata ta' qabel. Jidher li gie offrut lilha xi omelette u hi rrifjutat u ordnat ross moghlli biz-zalza tat-tadam. Il-platt m'ghogobhiex u ghalhekk l-appellanta marret tkellem lil Miss Riley u qabdet il-platt nehhietu u staqsietha jekk riditx xi haga ohra. Riley bdiet tirrabja u tilmenta dwar il-lukanda. Imbaghad fuq rikjesta ta' Riley, l-appellanta gabitilha gobon u frott frisk. L-appellanta staqsiet lil Riley x'rieaet darba ohra pero' din ma riditx tghid. Imbaghad l-appellanta offritilha flixkun inbid u Riley irrispondiet li din ma kinitx soluzzjoni ghal problema. L-appellanta ppruvat tikkomunika mal-food and beverage manager pero' dan ma kienx hemm. Meta dahlet xoghol gurnata ohra l-appellanta kellmet lil Riley u din dehret sodisfatta. L-appellanta cahdet li kellhom xi "heated argument"

...4

Il-"complaint" ta' Miss Bonhomme li kienet residenti fil-lukanda mit-30 ta' Dicembru 1990 sas-6 ta' Jannar 1991 giet esebita mill-kumpanija appellata bhala dok nru. 6 u fost ilmenti ohra, Bonhomme qalet "Due to the fact that I had problems during 3 days to get my lunch at the Restaurant even after showing them their Restaurant green-c rd pass with FB on it(FB = Full Board). Careless Hotel Staff forgetting to work out their Restaurant list correct-with my name forgot. Seeing this inefficient Restaurant Staff, besides having my FB pass I used to write on my note at the table "Full Board" to help them and by doing so I was just roughly handled and insulted by a woman Head waitress who left me appalled by seeing such behaviour". L-appellanta xehdet li ma gietx murija l-"complaint" ta' Miss Bonhomme (seduta 4/2/92). Rigward dan l-incident l-appellanta xehdet (seduta 23/4/92) li apparentament bi zball Bonhomme giet moghtija xi "Greencard" li turi li ma kienitx intitolata ghal "lunch". Meta kien missha xoghol l-appellanta, Bonhomme poggiet karta li fuqha kien hemm miktub "Full Board". L-appellanta marret fuq Bonhomme u talbitha tnehhi t-tabella. Cahdet li xi darba qatt refghet ide ha fuqha. It-Tribunal ihoss li l-kliem "roughly handled" fil-kuntest tal-ittra u tenut kont li Bonhomme hija Franciza ma tfissirx li xi hadd refa jdejh izda li giet trattata hazin.

L-incident ahhari li wassal ghat-terminazzjoni tal-impieg gara fit-8 ta' Marzu, 1991 u kien jirrigwarda grupp ta' turisti Francizi organizzat mid-ditta "Cap 5". Dan kien grupp li jissejjah "incentive group" u cioe' jkunu nghataw vakanzi minhabba l-performance fl-impieg taghhom; gruppijiet bhal dawn normalment ikunu aktar esigenti (xhieda Patrick Schembri seduta 3/12/91). L-appellanta

.../5

kienet taf b'dan il-grupp xi granet qabel u kienet avzata li kellhom jaslu ghal-breakfast. Huma pero' waslu tard, xi l-ghaxar ta' filghodu, meta r-restaurant kien zarmat ghal breakfast u allura saru preparazzjonijiet biex jinghataw kafe peress li l-membri ta' dan il-grupp, min-habba d-delay li kellhom kienu ghajjenin u daqsxejn irrabjati. Il-kafe ma hadtha ghax aktar tard kellhom semininar li kien jinkludi 'coffee break' (xhieda appella anta 4/2/92).

Fl-istess gurnata ghall-pranzu, bhala waitress fir-restaurant kien hemm l-appellanta u zewg waitresses ohra, Mary Galea u Marika Xuereb u kienu qed jistennew kemm il-grupp tal-Francizi kif ukoll grupp ta' Germanizi li kienu jikkonsistu f'disa u hamsin (59) ruh. L-ewwel dahlu parti mill-grupp tal-Francizi, xi tmienja jew tnax minn-hom u poggew fuq mejda u bdew jiehdu xi ilma jew inbid. Ftit wara dahal il-kumplament tal-grupp li kien jinkludi "courier" mara u "group leader ragel. Il-"group leader" tramite l-"courier" qal li xtaqu mejda twila (xhieda appellanta u Mary Galea seduta 4/2/92 u Marika Xuereb seduta 21/1/92). L-appellanta spjegat li kien diffiсli li torganizza mejda twila ghal hamsa u ghoxrin (25) ruh dak il-hin ghax kien hemm bzonn li tfittex u taqla tnax il-mejda tal-istess daqs bl-istess tip ta' dvalji (fir-restaurant kien hemm xi erba tipi ta' mwejjed b'daqs differenti u ukoll dvalji differenti). Fl-istess hin kienu qed jistennew il-grupp ta' 59 ruh u n-naha l-ohra tar-restaurant separati b"partition" kien qed issir seminar tal-management tal-kumpanija appellata u l-appel-lanta kienet inghatat struzzjonijiet biex kemm jista jkun ma jsirx xi storbju, (xhieda appellanta seduta 4/2/92). Alfred Mifsud qal illi l-appellanta "vera kellha certi diffikultajiet" biex taghmel dak li ried il-klijent

(xhieda Alfred Mifsud seduta 4/11/91). L-appellanta spjegat lil Courier li ma kienx possibli li tirranga mejda kbira dak il-hin pero' weghditha li kienet tirrangalhom ghal fil-ghaxija.

Gie servut l-ikel u l-grupp beda jilmenta dwar l-ikel (xhieda appellanta u Mary Galea seduta 4/2/92)

Imbaghad gie kkuntattjat Patrick Schembri li dak iz-zmien kien "Assistant Head Manager in charge of groups". Schembri mar ir-restaurant biex jara x'gara. Schembri xehed (seduta 3/12/91) li sab il-group leader pjuttost aggressiv u qallu li ma riedx jiekol hemm aktar u kien pastaz mieghu ghax meta Schembri pprova jispjegalu hu beda jdawwar rasu u ma riedx jaghti kaz dak li kien qed ighidlu. Rigward l-ilmenti, l-ewwel ma ssemma kien le ikel imbaghad li l-appellanta ma rrangatlux l-imwejjed ghalkemm restaurant kien vojt. Skond l-appellanta, l-ilmenti kienu fuq l-ikel biss. L-appellanta m'argumantatx mal-klijenti (xhieda appellanta u Mary Galea seduta 4/2/92 u Marika Xuereb 21-1-92).

Il-kaz gie mbaghad rappurtat lil Alex Pace, Assistant General Manager, Pace xehed (seduta 3/12/91) li l-ilment kien fuq il-"lunch" partikolarment li f'restaurant vojt l-appellanta ma riditx taghmillu l-imwejjed flimkien u fuq l-attitudni negativa ta' l-appellanta u cioe' il-mod kif agixxiet maghhom. Ilmentaw ukoll fuq l-ikel.

Fl-istess gurnata fil-ghaxija l-appellanta giet infurmata bil-miktub li kienet sospiza (xhieda appellanta seduta 4/2/92 u Alex Pace seduta 3/12/91). Fit-12 ta' Marzu 1991 l-appellanta dehret quddiem bord ta' dixxiplina kompost mis-Sur Alfred Mifsud, il-konsulent finanzjarju

tal-grupp ta' kumpanija li tikkomprendi l-kumpaniji appellata. Is-Sur Brian Pace Bonello, food and beverage Manager, u Charles Zammit, personnel Manager (xhieda Alfred Mifsud u Charles Zammit seduta 4/11/91). Il-Bord sema l-verzjonijiet tal-fatti tal-appellanta, Patrick Schembri u Alex Pace. Il-bord kellu quddiemu ukoll ilment bil-miktub, minghand il-group leader Franciz u traduzzjoni bl-ingliż ta' l-original li kien miktub bil-Franciz. F'dan l-ilment gie allegat li l-appellanta kienet "energicament refuse" li taqdih dwar ir-rikjesta li l-imwejjed jitpoggew flimkien. Kien hemm ilmenti ukoll fuq l-ikel. Il-bord offra lill-appellanta l-opportunita li tkun assistita anke minn uficjal tal-Union kif ukoll biex titlob li jigu mismugha l-verzjoni tal-fatti ta' xi nies ohra pero' hi ma riditx. Il-bord wasal ghal konkluzjoni li ghalkemm kien difficli ghall-appellanta li tghaqqad l-imwejjed kif ried il-klijient naqset ghax " ma tatx il-klijent l-impressjoni li qeghda taghmel minn kollox biex tghinu" (xhieda Alfred Mifsud seduta 4/11/91). Is-Sur Alfred Mifsud spjega (seduta 23/4/92). "X'gara kien gara". Kien car li kien hemm argument; li kien difficli huwa jekk il-klijent kellux ragun jifhem jew li ma jifhimx. U jiena nista nghid li d-decizjoni taghna ma ttiehditx ghal dak il-kaz partikolari imma ttiehdet ghaliex kien hemm tlett kazi specifici plus notice iehor li kien hareg qabel, warning li kien hareg qabel , ghal-ragunijiet separati, tlett kazi ta' klijenti li ma jafux lil xulxin minn pajjizi differenti qed jikkomplenjaw fuq l-istess bniedma fi spazju ta' xahrejn, tlett xhur". Il-bord ta' dixxiplina ddecieda li l-impieg tal-appellanta ghandu jigi terminat u l-appellanta giet infurmata b'ittra tat-12 ta' Marzu, 1991 (Dok Nru 1 esebit mal-istqarrija tal-kaz ta' l-appellanta). L-inkartament relattiv ghal proceduri tal-bord ta' dixxiplina u dokumenti

ohra ma gewx esebiti mill-kumpanija appellata ghaliex il-file intilef (xhieda Alfred Mifsud seduta 23/4/92).

III KONSIDERAZZJONIJIET

Il-kompitu tat-Tribunal f'dan il-kaz huwa li jiddeciedi jekk it-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellanta tikkostitwiex "tkeccija ngusta ghat-tenur tal-artikolu 2 tal-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 266). Il-kumpanija appellata qed issostni li kellha "raguni tajba u bizzejjed" skond l-artikolu 34 (14) tal-Att li jirregola l-kondizzjonijiet tal-impieg (Kap 135) biex tittermina l-impieg tal-appellanta.

Il-ligi in materja ma taghti l-ebda definizzjoni tal-frazi "raguni tajba u bizzejjed" pero gie ritenut diversi drabi minn dan it-Tribunal (ara Magri u Phoenicia Hotel Co. Ltd - Dec. 356 - 4/5/90; Xuereb u Leisure Resorts Services Ltd. - Dec. 407 - 20/6/91", Psaila u Zammit - Dec. 410 - 16/7/91) kif ukoll mill-predecessur tieghu it-Tribunal tal-Arbitragg (G.W.U. u Kursaal Company Ltd. - Award 56 - 9/12/70) li din il-frazi tirreferi ghal abilita u / jew ghal kondotta tal-impjegat. Fil-kaz in ezami ma hemm l-ebda dubju jew dell fuq l-abilita ta' l-appellanta. Jirrizulta li l-appellanta kienet kapaci f'xogholha tant hu hekk li f'temp ta' tlett snin giet promossa minn "Demi Chef de Rang" ghal "Head Waitress".

Dan il-kaz jirrigwarda l-kondotta ta' l-appellanta li skond il-kumpanija appellata fi zmien qasir kienet involuta fi tlett incidenti ma tlett klijenti separati u qabel l-ahhar incident kienet giet imwissija bil-miktub f'zewg okkazjonijiet. Il-kumpanija appellata ssostni li tat lill-appellanta kull opportunita li taghmel il-kaz taghha. Anke permezz ta' bord ta' dixxiplina, pero' fil-cerkostanzi ma

kellha ebda triq ohra hlief li l-impieg tal-appellanta jigi terminat.

It-Tribunal jibda biex josserva li m'ghandu l-ebda dubju li l-bord ta' dixxiplina appuntat mill-kumpanija mexa b' mod korrett. Pero dan ma jfissirx li t-Tribunal m'ghandux jinvestiga u jivvaluta l-fatti u c-cirkostanzi mill-gdid biex jiddeciedi jekk oggettivament kienx hemm raguni tajba u bizzejjed biex jigi terminat l-impieg (ara paragrafu 10.6 tad-decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg G.W.U. u Kursaal Co. Ltd. - Award 56 - 9/12/70). Altrimenti, t-Tribunal ikun qed jabdika mir-responsabilitajiet imposti fuqu mill-ligi.

Huwa principju stabbilit illi biex "general complaints of conduct" jikkostitwixxu "raguni tajba u bizzejjed" skond il-ligi li jiggustifikaw terminazzjoni ta' l-impieg, it-terminazzjoni ghandha tkun preceduta minn twissijiet jew "warnings" generalment bil-miktub (ara Farrugia u Baldacchino - Dec. 411 - 6/8/91). Gie ritenut ukoll li "misconduct in itself, in order to warrant dismissal, should be of a fairly serious nature, even on the lower plane of general "complaints of conduct", to which the "three written complaints procedure applies", as distinguished from gross misconduct on the higher level above that procedure" (para 10. 3 tad-decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg G.W.U. u Kursaal Company Ltd - Award 56 - 9/12/70).

Rigward l-ahhar incident u cioe' dak tat-8 ta' marzu, 1991 li kien jirrigwarda l-grupp ta' Francizi, t-Tribunal ma jhossm li kien hemm xi nuqqas serju fil-kondotta ta' l-appellanta. Huwa veral li jirrizulta li l-kap ta' dan il-grupp ilmenta li l-appellanta kienet irrifjutat li tghaqqad l-flimkien biex torganizza mejda ta' 25 ruh pero' [illegible]

....../10

wkoll li f'dak il-mument l-appellanta ma setghetx taqdi l-klijent u dan gie rikonoxxut anke mill-kumpanija appellata. It-Tribunal ra l-impressjoni li l-problema pprecipitat ruha aktar minhabba nuqqas ta' komunikazzjoni kawzat minn problemi ta' lingwa li wassal ghal fatt li l-kap tal-grupp ta klijenti Francizi ma fehemx ghalfejn, meta r-restaurant kien assolutament vojt ma kienx possibli illi r-rikjesta tieghu ma tigix akkolta.

It-Tribunal josserva wkoll illi mill-kumpless tal-provi t-tlett "complaints" separati li saru u li jifformaw mertu tal-kawza, gew kawzati minn kumulu ta' fatti u cirkostanzi li m'himiex imputabbli unikament ghall-appellanta. Fil-tlett kazijiet jidher li l-klijenti kienu ta' tip ezigenti. Fit-tlett kazijiet il-klijenti kienu muejqin jew irrabjati minhabba fatti u cirkostanzi ohra. Hekk per ezempju, Riley li kienet vegeterjana sabet li l-l kanda ma kellhiex menu vegetrjan; Bonhomme giet moghtija "card" bi zball li kien jindika li ma kienitx intitolata ghall-ikel; il-grupp Franciz kellu "delays" sa kemm wasal u l-ikel deher li ma ghogobx lil dawn il-klijenti. Jidher li l-appellanta kienet sfortunata li fit-tlett okkazjonijiet kellha tiffacja problemi wara kumulu ta' fatti u cirkostanzi negattivi.

L-appellanta forsi seta kellha aktar pacenzja u l-pacenzja huwa rekwizit essenzjali fil-post li kienet tokkupa l-appellanta. Pero' fl-okkazjonijiet kollha it-Tribunal ihoss li n-nuqqasijiet tal-appellanta ma kienux "of a fairly serious nature" u cioe' tali li jwasslu ghat-tkeccija. Il-kumpanija appellata donnha applikat ir-regola "two warnings followed by dismissal" b'mod awtomatiku u dan huwa rifless fil-kliem tas-Sur Alfred Mifsud li qal (seduta 23/4/92) "kieku kien hareg it-tielet warning kienet

ser tigi awtomatikament dismissed skond ir-regoli". Din ir-regola li hija nkorporata fl-artikolu 22(d) tal-ftehim kollettiv vigenti ghal-lukanda in kwistjoni (Dok Nru. 5 esebit ma' l-istqarrija tal-kaz ta' l-appellanta) ma tistax tigi applikata b'mod matematiku. Il-kumpannija ghandha d-dover li tinvestiga s-serjeta ta' l-incident li wassal ghat-twissijiet kif ukoll ic-cirkostanzi li wasslu ghall-incidenti u l-komportament generali ta' l-impjegat. It-Tribunal ihoss li fic-cirkostanzi l-kumpanija appellata ma kellhiex tapplika l-aktar sanzjoni drastika ta' dixxiplina u cioe' t-tkeccija.

It-Tribunal wasal ghal konkluzjoni fuq imsemmija wara li ha kont tal-provi kollha prodotti. It-Tribunal pero' josserva li certu prodotti mill-kumpanija appellata huma legalmentinammissibli bhala prova. L-ilment tal-"Group Leader" Franciz ma giex esebit u dak kollu li ntqal dwar dan l-ilment jikkostitwixxi "detto del detto". Il-group leader Franciz ma xehedx. L-ilmenti ta' Riley u Bonhomme ma gewx ikkonfermati bil-gurament. It-Tribunal jaqbel ma dak li qal Alfred Mifsud (seduta 4/11/91) li m'hijiex haga prattika li l-klijent, wara li jkun ghamel ilment, tinvolvih fi proceduri legali. Pero' kif qal tajjeb it-Tribunal tal-Arbitragg fid-decizjoni numru 56, G.W.U. u Kursaal Company Ltd., il-kumpanija appellata ghandha tikkunsidra dan "as a burden of their profession rather than as a privilege entitling them to the introduction of hearsay evidence. The exclusion of such evidence must be observed even in an informal tribunal of this nature, especially in the hearing of "unjust dismissal" cases. Otherwise a man can be easily condemned behind his back".

Dan ikompli jsahhah il-konkluzjoni tat-Tribunal li t-terminazzjoni tal-impieg tal-appellanta ma saritx ghal

raguni tajba u bizzejjed.

In vista tal-konkluzjoni raggunta, it-Tribunal m'ghandux ghalfejn jittratta l-punt sollevat mid-difensur tal-appellanta dwar jekk it-twissija tad-29 ta' Ottubru 1990 kenitx twissija bil-miktub skond il-ftehim kollettiv u anke li kieku kienet fil-fatt twissija bil-miktub kif trid il-ligi, l-effett taghha giex superat bil-promotion li nghatat l-appellanta sussegwentement.

IV. RIMEDJU

Fl-istqarrija tal-kaz, l-appellanta talbet li "tinghata l lura l-impieg b'effett mid-data tat-terminazzjoni jew jigu likwidati d-danni sofferti. It-Tribunal wara li kkunsidra x-xhieda tal-appellanta u partikolarment il-fatt li sabet impieg iehor u natura tal-post li kienet tokkupa l-appellanta u wara li ra l-artikolu 33 tal-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 266) jiddeciedi li m'ghandux jinghata ordni biex l-appellanta terga tidhol fl-impieg. Ghaldaqstant wara li kkunsidra l-fatti kollha, t-Tribunal qed jillikwida l-kumpens li ghandu jithallas lill-appellanta fis-somma ta' sitt mitt lira (£m600)

DECIZJONI

In vista tal-premess, it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellanta da parti tal-kumpanija appellata ma saritx ghal raguni tajba u bizzejed u ghalhekk tikkostitwixxi tkeccija ngusta skond il-ligi, jillikwida l-kumpens li ghandu jithallas lill-appellanta mill-kumpanija appellata bhala rizultat tat-tkeccija ngusta fis-somma ta' sitt mitt lira (£m600) u jikkundanna lill-kumpanija appellata biex

thallas din is-somma lill-appellanta.

Ghall-finijiet ta' l-avviz legali numru 48 tal-1986, it-Tribunal qieghed jintaxxa d-dritt tad-difensuri tal-partijiet fis-somma ta' erbghin lira (£m40) kull wiehed. B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Dr. Richard Camilleri
CHAIRMAN

Aldo Testone
SEGRETARJU